



TESTI ADOTTATI

P9_TA(2022)0445

It-trażżin mill-gvern Ċiniż tal-protesti paċifiċi madwar ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2022 dwar it-trażżin mill-gvern Ċiniż tal-protesti paċifiċi madwar ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (2022/2992(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar iċ-Ċina, b'mod partikolari dawk tad-9 ta' Ġunju 2022 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fix-Xinjiang, inklużi x-Xinjiang police files¹, tal-20 ta' Jannar 2022 dwar il-ksur tal-libertajiet fundamentali f'Hong Kong², tas-16 ta' Settembru 2021 dwar strateġija UE-Ċina ġdida³, tal-20 ta' Mejju 2021 dwar il-kontrosanzjonijiet Ċiniżi fuq entitajiet tal-UE, Membri tal-PE u Deputati nazzjonali⁴, tal-21 ta' Jannar 2021 dwar ir-repressjoni tal-oppożizzjoni demokratika f'Hong Kong⁵, tat-12 ta' Settembru 2018 dwar il-qagħda tar-relazzjonijiet UE-Ċina⁶ u tas-16 ta' Diċembru 2015 dwar ir-relazzjonijiet UE-Ċina⁷,
- wara li kkunsidra s-Summit UE-Ċina li sar fl-1 ta' April 2022,
- wara li kkunsidra l-osservazzjonijiet konklużivi tal-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti dwar ir-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong taċ-Ċina u r-Reġjun Amministrattiv Speċjali tal-Macao taċ-Ċina dwar l-implimentazzjoni tagħhom tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, adottat fis-27 ta' Lulju 2022,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta Sino-Brittanika tal-1984 u d-Dikjarazzjoni Konġunta Sino-Portugiża tal-1987,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tat-12 ta' Marzu 2019 bit-titolu "UE-Ċina: Perspettiva strateġika" (JOIN(2019)0005),

¹ Testi adottati, P9_TA(2022)0237.

² ĠU C 336, 2.9.2022, p. 2.

³ ĠU C 117, 11.3.2022, p. 40.

⁴ ĠU C 15, 12.1.2022, p. 170.

⁵ ĠU C 456, 10.11.2021, p. 242.

⁶ ĠU C 433, 23.12.2019, p. 103.

⁷ ĠU C 399, 24.11.2017, p. 92.

- wara li kkunsidra l-Premju Sakharov 2019 mogħti lil Ilham Tohti, ekonomista Ujgur li qed jiġġieled paċifikament għad-drittijiet tal-minoranza Ujgura fiċ-Ċina,
 - wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kunsill tal-UE tal-5 ta' Diċembru 2022 li testendi l-miżuri meħuda skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/1998 tas-7 ta' Diċembru 2020 dwar miżuri restrittivi kontra ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem¹,
 - wara li kkunsidra r-rimarki tal-President tal-Kunsill Charles Michel wara l-laqgħa mal-President Ċiniż Xi Jinping fl-1 ta' Diċembru 2022,
 - wara li kkunsidra l-istqarrija għall-istampa tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) tat-2 ta' Diċembru 2022 bit-titolu "EU-U.S.: Consultations between the U.S. Deputy Secretary of State Wendy Sherman and European External Action Service Secretary General Stefano Sannino" (UE-Stati Uniti: Konsultazzjonijiet bejn il-Viċi Segretarju tal-Istat tal-Istati Uniti Wendy Sherman u s-Segretarju Ġenerali tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna Stefano Sannino),
 - wara li kkunsidra l-11-il Djalogu Strateġiku UE-Ċina tat-28 ta' Settembru 2021 bejn il-Viċi President tal-Kummissjoni/ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) Josep Borrell u l-Kunsillier tal-Istat Ċiniż/il-Ministru għall-Affarijiet Barranin Wang Yi,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 35 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, li jistipula li ċ-ċittadini tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina jeħtiġilhom igawdu l-libertà ta' espressjoni, tal-istampa, ta' assemblea, ta' assoċjazzjoni, ta' parteċipazzjoni f'kortej u ta' dimostrazzjoni,
 - wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi tas-16 ta' Diċembru 1966, li qatt ma ġie ratifikat miċ-Ċina minkejja li ffirmatu fl-1998,
 - wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024 u l-Linji Gwida tal-UE dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem,
 - wara li kkunsidra r-rapport dwar ix-Xinjiang mill-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem ippubblikat fil-31 ta' Awwissu 2022,
 - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 144(5) u 132(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-promozzjoni u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt għandhom ikunu fil-qalba tar-relazzjonijiet tal-UE maċ-Ċina, f'konformità mal-impenn tal-UE li tiddefendi dawn il-valuri fl-azzjoni esterna tagħha u mal-impenn taċ-Ċina li taderixxi għalihom fl-iżvilupp u l-kooperazzjoni internazzjonali tagħha stess;
- B. billi mill-2020 iċ-Ċina segwiet politika stretta ħafna ta' zero COVID li tinkludi ttestjar tal-massa u lockdowns *ad hoc* u fit-tul li jillimitaw serjament il-libertà u d-drittijiet tan-

¹ ĠU L 410 I, 7.12.2020, p. 1.

nies;

- C. billi dawn ir-restrizzjonijiet severi wasslu għal lockdowns frekwenti u fit-tul, rekwiżiti ta' ttestjar massivi u sistematiċi u kwarantina, u limitazzjonijiet sproporzjonati u severi għal-libertà ta' moviment fiċ-Ċina; billi dawn ir-restrizzjonijiet wasslu wkoll għal nuqqas ta' provvista ta' oġġetti essenzjali, inkluż l-ikel, aċċess limitat għall-kura tas-saħħa u żieda fil-qgħad fost iż-żgħażaġh fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina;
- D. billi fil-jiem u l-ġimgħat qabel ma faqqgħu l-protesti mifruxa, kien hemm livelli għoljin ta' tensjoni f'xi fabbriki, bħall-fabbriki Foxconn, minn fejn għadd kbir ta' ħaddiema ħarbu sabiex jevitaw il-lockdowns radikali u totali tal-fabbriki wara tifqigħat tal-COVID fis-siti ta' produzzjoni u bi protesta kontra n-nuqqas ta' ħlas rikorrenti ta' bonusijiet matul il-lockdowns; billi l-protesti fil-fabbriki saru vjolenti u l-vidjows fuq il-media soċjali għabu ħaddiema jissawtu mill-pulizija;
- E. billi minħabba l-infurzar strett tal-lockdowns, binjiet sħaħ, inkluż il-ħruġ ta' emerġenza, xi drabi ngħalqu; billi fl-24 ta' Novembru 2022 ħadet in-nar binja residenzjali f'Urumqi, Xinjiang, belt fejn kien hemm lockdown kontinwu għal aktar minn 100 jum, u li fiha mill-inqas għaxar persuni tilfu ħajjithom; billi sorsi lokali u għadd kbir ta' posts fuq il-media soċjali indikaw għadd ferm ogħla ta' mwiet¹ sa 40 vittma; billi r-residenti ta' din il-binja allegatament kienu msakkra fl-appartamenti tagħhom u l-ħaddiema tat-tifi tan-nar waslu tard, probabbilment minħabba r-restrizzjonijiet imposti taħt il-politika ta' zero COVID;
- F. billi fis-26 ta' Novembru 2022, għall-ewwel darba mill-protesti fi Pjazza Tiananmen fl-1989, in-nies ħarġu fit-toroq f'Beijing, f'Shanghai u fi bliet u municiplalitajiet Ċiniżi ewlenin oħra u allegatament f'aktar minn 100 università biex jipprotestaw kontra l-politika taċ-Ċina ta' zero COVID u jiddenunzjaw il-ħakma awtoritarja tal-Partit Komunista Ċiniż; billi d-dimostranti malajr għażlu karta vojta bħala simbolu biex jesprimu r-rabja tagħhom għat-trażżin tal-libertà ta' espressjoni;
- G. billi l-pulizija, wara li għall-ewwel bdiet trażżan, malajr bdiet tofroq il-folol u twettaq arresti mifruxa f'diversi bliet; billi f'Shanghai, pereżempju, il-pulizija użaw pepper spray biex ikeċċu madwar 300 dimostrant li kienu nġabru; billi l-posts dwar il-protesta fuq il-pjattaformi tal-media soċjali taċ-Ċina tħassru minnufih fi sforz biex titrażżan il-kritika; billi l-media tal-istat Ċiniż s'issa sempliċement evitat li tirrapporta l-protesti;
- H. billi xi dimostranti qed jitolbu li l-President Xi Jinping jirriżenja, u dan jikkostitwixxi sfida bla preċedent għat-tmexxija attwali tal-pajjiż;
- I. billi n-nisa kienu fuq quddiem nett ta' dawn il-protesti; billi d-drittijiet tan-nisa fiċ-Ċina kienu qed jiddeterjoraw f'dawn l-aħħar snin; billi l-istudji wrew li l-lockdowns iżidu r-riskju ta' vjolenza domestika abbażi tal-ġeneru;
- J. billi saru rapporti ta' preżenza u interventi qawwija tal-pulizija li wasslu għal bosta arresti ta' dimostranti paċifiċi; billi, skont diversi organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, l-awtoritajiet interferixxew ukoll mad-dritt tad-dimostranti għal rappreżentanza legali, b'xi avukati jiġu mwissija mill-awtoritajiet lokali biex ma jiħdux

¹ <https://edition.cnn.com/2022/12/01/china/china-protests-urumqi-fire-deaths-covid-dst-intl-hnk/index.html>.

fidejhom każijiet;

- K. billi l-Artikolu 35 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina jiddikjara li "ċittadini tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina jgawdu l-libertà ta' espressjoni, tal-istampa, ta' assemblea, ta' assoċjazzjoni, ta' parteċipazzjoni f'kortej u ta' dimostrazzjoni"; billi l-libertajiet minquxa f'dan l-Artikolu qed jinkisru b'mod kostanti;
- L. billi, minn mindu ħa l-poter il-President Xi Jinping f'Marzu 2013, is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina marret għall-aġar drastikament; billi l-Gvern Ċiniż żied l-ostilità tiegħu kontra d-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt; billi s-sorveljanza u l-monitoraġġ illegali tal-massa taċ-Ċina fuq iċ-ċittadini tagħha ġew estiżi;
- M. billi, f'dawn l-aħħar snin, l-awtoritajiet Ċiniżi għamlu ċ-ċensura online aktar ristretta, b'mod partikolari minn mindu faqqgħet il-COVID-19; billi l-awtoritajiet u l-pulizija Ċiniżi immuntaw waħda mis-sistemi ta' sorveljanza l-aktar sofistikati tad-dinja billi kisbu aċċess għal software u teknoloġija b'saħħithom għar-rikonoxximent tal-wiċċ sabiex jirrestrinġu b'mod strett il-libertajiet fundamentali b'mod ġeneralizzat, jew saħansitra jiksru b'mod massiv id-drittijiet tal-bniedem; billi hemm tħassib li minħabba dawn it-teknoloġiji ta' sorveljanza tal-massa u ta' rikonoxximent tal-wiċċ, l-apparat tas-sigurtà se jħarrek lid-dimostranti aktar tard;
- N. billi, skont rapporti reċenti, l-awtoritajiet Ċiniżi implimentaw l-oġġla livell ta' "rispons ta' emerġenza" ta' ċensura tal-media fil-kuntest tal-protesti li faqqgħu reċentement; billi l-pjattaformi tal-media soċjali kellhom rwol attiv u strumentali fit-tixrid tal-kontenut fil-pajjiż kollu; billi l-forzi tas-sigurtà waqqfu wkoll liċ-ċittadini fit-triq, spezzjonaw l-apparat elettroniku tagħhom u ġiegħluhom iħassru ċerti applikazzjonijiet, kontenut u ritratti relatati mal-protesti; billi, wara li faqqgħu l-protesti, l-awtoritajiet Ċiniżi minnufih bdew jintraċċaw, fuq skala massiva, applikazzjonijiet tal-messaġġi, data tal-media soċjali u tal-mowbajls li huma jqisu suspettużi, kif ukoll l-użu ta' networks privati virtwali, sabiex jidentifikaw, jintimidaw u jagħtu fastidju lil persuni li allegatament jorganizzaw u jipparteċipaw fil-protesti;
- O. billi, f'dawn l-aħħar snin, l-awtoritajiet Ċiniżi neħħew gruppi tas-soċjetà ċivili u tefgħu il-ħabs ħafna attivisti indipendenti, u b'hekk sar estremament diffiċli li jsiru protesti fuq skala kbira; billi, f'dawn l-aħħar xhur, seħħew protesti sporadiċi b'rispons għall-politika tal-COVID-19, it-tbatija ekonomika, iċ-ċensura u s-setgħat mifruxa tal-President Xi, fiċ-Ċina u minn ċittadini Ċiniżi barra mill-pajjiż;
- P. billi ċ-Ċina hija involuta f'repressjoni u sorveljanza transfruntiera permezz ta' diversi attivitajiet li jvarjaw minn spjunaġġ, attakki ċibernetiċi, attakki fiżiċi u l-ħruġ ta' Avviżi Ħomor permezz tal-Interpol għal "għases tal-pulizija barra mill-pajjiż" fit-territorju tal-UE;
- Q. billi, f'mossa kkoordinata fuq livell nazzjonali, l-istudenti ntbagħtu lura d-dar minn universitajiet xahar qabel iż-żmien sabiex ma jitħallewx ikomplu jipparteċipaw fi protesti organizzati;
- R. billi xi diplomatiċi Ċiniżi huma involuti fi vjolenza u theddid fil-konfront ta' studenti u avversarji Ċiniżi barra mill-pajjiż, u talbu li "jirreżistu milli joħlqu distorsjonijiet u jiskreditaw il-politiki taċ-Ċina għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-epidemiji";

- S. billi ċ-Ċina qed issegwi l-persekuzzjoni sistemika tal-poplu Ujgur u ta' minoranzi etniċi oħra, ta' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, attivisti soċjali, gruppi reliġjużi, ġurnalisti u dimostranti kontra l-inġustizzji, u qed trażżan dejjem aktar l-ilħna kollha li ma jaqblux u dawk tal-oppożizzjoni; billi t-telf ta' ħajjiet fin-nar ta' Urumqi jżid traġedja oħra mal-atroċitajiet tad-drittijiet tal-bniedem li qed iseħħu fir-Reġjun Awtonomu Ujgur tax-Xinjiang;
1. Jikkundanna bil-qawwa r-reazzjoni mmexxija mill-Gvern Ċiniż għall-protesti paċifiċi u l-persekuzzjoni tad-dimostranti paċifiċi madwar ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina; jesprimi l-kondoljanzi tiegħu lill-vittmi tan-nar ta' Urumqi u l-membri tal-familja tagħhom u jinsab f'solidarjetà magħhom; jistieden lill-Gvern Ċiniż biex ikun trasparenti dwar in-numru ta' vittmi u ċ-ċirkostanzi li fihom mietu; jitlob investigazzjoni fil-pront, effikaċi u bir-reqqa tan-nar ta' Urumqi;
 2. Jesprimi s-solidarjetà tiegħu mal-poplu taċ-Ċina fil-ġlieda tiegħu għal-libertajiet fundamentali; jikkundanna l-persekuzzjoni tad-dimostranti paċifiċi; ihegġegħ lill-forzi tal-pulizija kollha jirreaġixxu f'konformità mal-istandards internazzjonali, inklużi l-Prinċipji Bażiċi tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Użu tal-Forza u tal-Armi tan-Nar mill-Uffiċjali tal-Infurzar tal-Liġi;
 3. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina, inkluż fil-kuntest tal-politika tagħha ta' zero COVID;
 4. Jinnota li l-vittmi kollha tan-nar ta' Urumqi huma ta' etniċità Ujgura¹, u b'hekk ġiet approfondita t-tbatija ta' dan il-grupp etniku li safa vittma ta' atroċitajiet sistematiċi tad-drittijiet tal-bniedem li qed iseħħu fir-Reġjun Awtonomu Ujgur tax-Xinjiang, li l-Parlament Ewropew irrikonoxxa li jikkostitwixxu delitti kontra l-umanità u li jirrappreżentaw riskju serju ta' ġenoċidju²;
 5. Jikkundanna bl-aktar mod qawwi l-fatt li l-libertà ta' espressjoni, il-libertà ta' għaqda u l-libertà tal-istampa u tal-midja soċjali huma ristretti ħafna fiċ-Ċina; jistieden lill-Gvern Ċiniż jiżgura l-libertà ta' espressjoni, ta' assoċjazzjoni, ta' għaqda, tal-istampa u tal-midja, kif minqax fil-Kostituzzjoni Ċiniża u fid-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem;
 6. Jikkundanna bil-qawwa l-attakk vjolenti u d-detenzjoni ta' ġurnalist barrani li kien qed ikopri dawn il-protesti; ifakkar li l-libertà tal-istampa hija prinċipju fundamentali u pilastru essenzjali ta' kwalunkwe demokrazija; jistieden liċ-Ċina tiżgura li l-ġurnalisti kollha jkunu jistgħu jwettqu xogħolhom liberament u mingħajr impedimenti jew biża' ta' rappreżalji, kif previst mil-liġi Ċiniża; jisħaq li għandha tiġi żgurata l-libertà tal-istampa u tal-midja; ihegġegħ lill-awtoritajiet Ċiniżi biex ma jibqgħux jostakolaw, jagħtu fastidju u jintimidaw lil avukati u professjonisti legali, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u oħrajn li jesprimu b'mod miftuħ tħassib dwar id-dimostranti jew li jiddefendu d-dritt għal protesta paċifika;
 7. Ihegġegħ liċ-Ċina ttemm minnufih is-soppressjoni u l-intimidazzjoni tad-dimostranti paċifiċi u tiggarrantixxi d-drittijiet fundamentali għal kulħadd; jistieden lill-awtoritajiet Ċiniżi jeħilsu minnufih lid-dimostranti kollha detenuti b'mod inġust; jitlob li d-data

¹ <https://www.rfa.org/english/news/uyghur/urumqi-fire-12022022172846.html>.

² Testi adottati, P9_TA(2022)0237.

kollha miġbura reċentement dwar dimostranti paċifiċi titħassar u ma tintużax fi kwalunkwe każ futur; jitlob li l-membri tal-familja ta' dawk kollha mċaħħda mil-libertà jiġu nnotifikati dwar fejn jinsabu u dwar l-akkużi miġjuba kontribom;

8. Jirrikonoxxi l-isfida tat-tfassil ta' politika dwar il-COVID-19 bil-bilanċ ġust bejn il-protezzjoni tas-saħħa pubblika u l-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet; ifakkar fl-importanza tal-proporzjonalità; jinnota t-tneħħija reċenti ta' wħud mill-aktar restrizzjonijiet oppressivi tal-COVID-19 fiċ-Ċina;
9. Jinnota l-fatt li l-moviment ta' protesta għaqqad persuni minn sfondi differenti ħafna u seħħ madwar il-pajjiż kollu; jenfasizza l-fatt notevoli li s-solidarjetà interetnika ġiet espressa mal-vittmi tan-nar fix-Xinjiang, peress li l-popolazzjoni tal-Han taċ-Ċina qabel ma rreaġixxiet b'mod sinifikanti għad-destin terribbli tal-Ujguri matul l-aħħar sitt snin;
10. Jistieden lill-awtoritajiet Ċinzi u lokali jtemmu r-repressjoni tal-Ujguri u jfakkar li l-Ujguri fir-reġjun ġew soġġetti għal sorveljanza intensa, xogħol furzat, sterilizzazzjonijiet involontarji u miżuri ta' prevenzjoni tat-twelid, fost abbużi oħra tad-drittijiet, li jikkostitwixxu delitti kontra l-umanità u jirrappreżentaw riskju serju ta' ġenoċidju; jilqa', f'dan ir-rigward, il-proposta tal-Kummissjoni li tipprojbixxi prodotti magħmula bl-użu ta' xogħol furzat milli jidħlu fis-suq tal-UE;
11. Jikkundanna bil-qawwa l-użu estensiv tas-sorveljanza tal-massa u ċ-ċensura attwali tan-networks soċjali; ihegġegħ lill-awtoritajiet Ċinzi jtemmu dan il-ksur tad-drittijiet fundamentali għall-privatezza u l-libertà ta' espressjoni u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni fuq in-networks soċjali;
12. Jikkundanna l-fatt li l-kumpaniji tat-teknoloġija Ċinzi TikTok u Tencent qed jaħdmu mal-Gvern Ċinż biex jiġbru evidenza dwar l-identità tad-dimostranti biex ikunu jistgħu jiġu arrestati u qed jiċċensuraw l-internet; jistieden lill-fondi tal-pensjoni Ewropej biex jizvestu minn kumpaniji Ċinzi li jimminaw id-drittijiet tal-bniedem;
13. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar l-imġiba ta' Apple Inc. fiċ-Ċina matul il-protesti, peress li effettivament ħadmet id f'id mal-Partit Komunista Ċinż biex trażżan it-tixrid tal-filmati tal-protesti paċifiċi kontra l-lockdown billi ddiżattivat il-funzjoni AirDrop fuq l-apparat tagħha fiċ-Ċina; jinnota li din il-funzjoni kienet ippermettiet lid-dimostranti jikkondividu l-filmati u jorganizzaw il-protesti mingħajr l-użu tal-Wi-Fi, li huwa taħt is-sorveljanza u l-kontroll kostanti tal-Partit Komunista Ċinż; jisħaq li l-fatt li kumpaniji jistgħu jinżammu ostaġġi mill-Partit Komunista Ċinż u jippermettu ksur bla ħniena tad-drittijiet tal-bniedem għandu jservi ta' twissija għall-gvernijiet tal-Punent biex iressqu leġiżlazzjoni li thegġegħ lill-kumpaniji tal-Punent jirduppjaw l-isforzi tagħhom biex jittrasferixxu l-produzzjoni miċ-Ċina;
14. Itenni t-tħassib tiegħu dwar il-fatt li l-awtoritajiet Ċinzi ma ppermettewx lill-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem Michelle Bachelet, matul iż-żjara tagħha fiċ-Ċina, milli jkollha aċċess sħiħ għall-organizzazzjonijiet indipendenti tas-soċjetà ċivili u għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; itenni t-talba tiegħu lill-awtoritajiet Ċinzi biex jippermettu l-istess aċċess liberu, sinifikanti u mingħajr xkiel lil ġurnalisti indipendenti, osservaturi internazzjonali u korpi investigattivi, inklużi, b'mod partikolari, lid-detenturi tal-mandat tal-Proċeduri Speċjali tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU u lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem; jappoġġa l-appell ta' 50 esperti tad-drittijiet tal-bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti biex jiġi

stabbilit mandat speċjali fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU għall-monitoraġġ u r-rappurtar dwar il-kundizzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina, inkluż f'Hong Kong; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jkomplu jaħdmu ma' sħab tal-istess fehma lejn l-istabbiliment ta' mekkaniżmu investigattiv fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU biex jimmonitorjaw, jivvalutaw u jirrapportaw pubblikament dwar ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem madwar iċ-Ċina;

15. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri jipprovdu protezzjoni u appoġġ lill-attivisti tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija fiċ-Ċina, b'mod partikolari billi jilhqgħu lill-awtoritajiet lokali u nazzjonali u japplikaw bis-sħiħ il-Linji Gwida tal-UE dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem u politiki rilevanti oħra tal-UE, inkluż il-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija; jilqa' t-tkomplija tad-djalogu bilaterali stabbilit bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar iċ-Ċina, b'mod partikolari d-dikjarazzjoni li "l-Istati Uniti u l-Unjoni Ewropea qatt ma kienu daqshekk allinjati mal-prospetti strateġiċi tagħna";
16. Jistieden lill-UE u lil organizzazzjonijiet internazzjonali oħra jimmonitorjaw u jivvalutaw kif ir-reazzjonijiet taċ-Ċina għal dawn il-protesti jallinjaw mal-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u mal-obbligi tagħha skont id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem; jenfasizza l-importanza li d-Delegazzjoni tal-UE f'Beijing tkompli timmonitorja d-detenzjoni ta' dimostranti paċifiċi u kwalunkwe proċess ta' dawk li qed jiġu mħarrka talli eżerċitaw id-dritt tagħhom għal-libertà ta' għaqda paċifika u espressjoni, bl-applikazzjoni sħiħa tal-Linji Gwida tal-UE dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem u politiki rilevanti oħra tal-UE;
17. Jistieden lill-Rappreżentant Għoli u Vċi President Josep Borrell isegwi, b'passi konkreti, id-diskussjonijiet reċenti tal-Kunsill Ewropew billi jintensifika d-diskussjonijiet fil-livell tal-ministri għall-affarijiet barranin tal-Istati Membri; jistieden lis-SEAE u lill-Kummissjoni jistabbilixxu diskussjoni permanenti dwar iċ-Ċina fl-ambitu tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Asja u l-Oċeanja; jilqa' d-deċiżjoni li s-sanzjonijiet jiġu estiżi b'reazzjoni għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fix-Xinjiang sat-8 ta' Diċembru 2023; itenni t-talba tiegħu għal sanzjonijiet addizzjonali tal-UE mmirati lejn uffiċjali u entitajiet Ċiniżi responsabbli għal delitti kontra l-umanità; iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Istati Membri tal-UE jikkunsidraw il-prosekuzzjoni ta' uffiċjali Ċiniżi meqjusa responsabbli għal delitti kontra l-umanità, abbażi tal-prinċipju ta' ġuriżdizzjoni universali;
18. Jesprimi t-tħassib profond tiegħu dwar ir-rivelazzjonijiet reċenti rigward il-preżenza ta' għases tal-pulizija Ċiniżi barra mill-pajjiż f'bosta Stati Membri tal-UE u madwar id-dinja; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-aġenziji nazzjonali tal-infurzar tal-liġi jiżguraw, bħala kwistjoni ta' urġenza, koordinazzjoni tajba sabiex jitfgħu dawl fuq dawn il-prattiki, jieħdu azzjoni xierqa u jagħlqu l-għases tal-pulizija kollha Ċiniżi barra mill-pajjiż; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha, f'koordinazzjoni ma' sħab tal-istess fehma, jidentifikaw u jagħlqu kwalunkwe triq li tiffaċilita l-kampanji ta' repressjoni tranżnazzjonali taċ-Ċina, b'mod partikolari kontra membri tad-dijaspora tagħha;
19. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jtemmu l-ftehimiet kollha tagħhom dwar l-estradizzjoni maċ-Ċina u ma' Hong Kong; iħeġġeġ ukoll lill-Istati Membri jeżerċitaw kawtela meta jikkooperaw f'fora internazzjonali dwar l-infurzar tad-dritt bħall-Interpol u l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità; jistieden ukoll lill-Istati Membri jiżguraw kif xieraq is-sigurtà tar-rifuġjati Ċiniżi taħt il-ġuriżdizzjoni tagħhom sabiex

jevitaw li jinqabdu jew li jiġu "persważi li jirritornaw" jew imħajra jidħlu f'pajjiż mhux tal-UE li minnu jkunu jistgħu jiġu ripatrijati faċilment lejn iċ-Ċina;

20. Jistieden lill-membri kollha tal-komunità internazzjonali u lill-partijiet ikkonċernati kollha jindirizzaw il-kwistjoni tal-libertà ta' espressjoni meta jinvolvu ruħhom mar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina; jilqa' l-fatt li l-President tal-Kunsill Ewropew Charles Michel qajjem il-kwistjoni tal-protesti ma' Xi Jinping; jitlob li jkun hemm rieda mingħajr kundizzjonijiet biex jerġa' jibda d-Djalogu dwar id-Drittijiet tal-Bniedem bejn l-UE u iċ-Ċina, li ilu ma jsir għal aktar minn tliet snin; jinnota wkoll li l-mexxejja Ewropej kollha għandhom jikkomunikaw b'mod ċar lill-awtoritajiet Ċiniżi d-determinazzjoni tal-UE li tirreaġixxi għal eskalazzjoni tar-repressjoni kontra d-dimostranti billi titqajjem il-kwistjoni fl-organizzazzjonijiet internazzjonali u possibbilment jiġu imposti sanzjonijiet addizzjonali, jekk ikun meħtieġ;
21. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem, lill-Gvern u l-Parlament tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u lill-ambaxxaturi kollha tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina fl-Istati Membri tal-UE.